# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 8**

**Rikors numru 14/2011FDP**

**David Tonna f'ismu proprja u f'isem l-assenti Maria Dolores Falzon, Emanuel Tonna, Alfred Tonna u Godfrey Gilmour, Emmanuele Tonna, Victoria Tonna, Anne Marie Tonna, Vincent Tonna, Alex Tonna, Corinne Cauchi, Vivien Galea Debono, Brian Tonna, Doreen Muscat, Martin Diacono f'ismu proprja u f'isem l-assenti Saverja Lather u Maria Concetta sive Rhoda Wiles, Anthony Marcel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore sive Silvio Distefano, Rosa sive Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano, Josephine Persiano**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita` tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti David Tonna proprio et nomine et fl-24 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu nghad hekk:

“1. Illi l-esponenti huma s-sidien ta’ porzjon art li tinsab wara l-gibjun go Triq il-Wied, l-Imsida, tal-kejl ta’ madwar 1,882 kwadru, li tmiss mill-Punent ma’ triq pubblika, mill-Majjistal ma’ saqa pubbliku u mill-Grigal ma’ propjeta` ta’ George Pae et jew irjieh verjuri, liema art hija mmarkata bil-kulur isfar u indikata bhala *plot* numru 1 fuq il-pjanta bir-referenza L.D. Nru. 104A/75/2 li tinsab id-Dipartiment ta’ l-Artijiet;

“2. Illi a tenur tas-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), il-Kummissarju intimat intavola ittra ufficjali li biha filwaqt Ii rrefera l-esponenti ghall-Avviz Numru 486 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta’ Mejju,2008 (annessa ma’ l-istess ittra ufficjali u mmarkata Dok. ‘KA1’), offra ghall-porzjon art kumpens ta’ tlettax-il elf, erbgha mija sitta u erbghin u erbgha u hamsin centezmu (EUR31,446.54), skond l-estratt ta’ l-istima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&C.E (annessa ma’ l-istess ittra ufficjali u mmarkata Dok. ‘KA3’ u li tinsab fl-istess Avviz imsemmi hawn fuq), u li l-Kummissarju intimat iqies in parti bhala art agrikola u in parti bhala art fabbrikabbli;

“3. Illi premezz ta’ l-ittra ufficjali msemmija fis-suespost, il-Kummissarju intimat informal ill-esponenti li huwa sodisfatt illi l-esponenti ghandhom titolu li jaghtihom id-dritt li jircievu l-kumpens hawn fuq imsemmi, liema kumpens gie ddepozitat f’kont bankarju ai termini tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“4. Illi l-esponenti m’humiex qeghdin jaccettaw il-valutazzjoni illi saret mill-Kummissarju intimat u/jew mill-esperti inkarigati minnu, u ghalhekk ai termini tas-subartikolu (6) ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jintavolaw dan ir-rikors sabiex dan l-Onorabbli Bord jistabbilixxi l-kumpens xieraq u jaghti kull ordni u direttiva mehtiega skond l-istess Kapitolu;

“5. Illi abbazi tal-valutazzjoni bil-miktub illi saret mill-espert inkarigat mill-esponenti w cjoe l-Perit Godwin Abela A&CE (vera kopja tar-rapport relattiv hawn annessa u mmarkat Dok. ‘**DT1**’), a tenur tas-subartikolu (6) ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-esponenti qeghdin jiddikjaraw illi l-kumpens xieraq dovut lilhom huwa ta’ zewg miljuni mitejn u tmienja u hamsin elf u erba’ mitt ewro (EUR2,258,400), u dana skond l-istess valutazzjoni tal-perit Godwin Abela;

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-kumpens xieraq illi ghandu jithallas lill-esponenti mill-intimat ghall-porzjon art fuq deskritta, oltre l-imghax u l-ispejjez skond il-Ligi, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta’

periti nominandi taht kull dritt u direttiva ohra mehtiega skond il-Kapitolu 88tal-Ligijiet ta' Malta.

"Bl-imghax u bl-ispejjez skond il-Ligi."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet tad-29 ta' Awwissu, 2011, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 24 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-kumpens lilhom offrut mill-awtorita` kompetenti ta' wiehed u tletin elf u erbgha mija u sitta erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€31,446,54) skond l-istima tal-Perit Carmen V. Sutton A & CE, ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta' bicca art fl-Imsida ta' madwar 1,882 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' triq Pubblika, mil-Majjistral ma' sqaq pubbliku u mill-Grigal ma' propjeta` ta' George Pace e jew irjieh verjuri liema art hija mmarkata bil-kulur isfar u indikata bhala Plot numru 1 fuq pjanta bir-referenza I.D. Nru. 104A/75/2 meqjusa parti bhala art agrikola u in parti bhala art fabbrikabbli fit-termini ta' Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artjiet, u qeghdin jippretendu li l-kumpens ghandu jkun ta' zewg miljuni, mitejn u tmienja u hamsin elf u erbgha mitt Euro (€2,258,400,00).

"Illi l-art, suggetta ghad-Dikjarazzjoni tal-President datata 24 ta' Mejju 2007, hija ta' parti ta' natura agrikola u in parti fabbrikabbli skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal- Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta kif;

"Illi r-ragunijiet ghala l-art ghandha tigi klassifikata bhala wahda fabbrikabbli elenkati fl-istima tal-Perit Godwin P. Abela mressqa mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhumiex konformi mal-Artikolu 18 tal-Kap. 88;

"Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni li l-kumpens gust ghall-art fuq imsemmija fl-intier taghha huwa dak fuq citat, jigifieri, l-ammont ta' wiehed u tletin elf u erbgha mija u sebgha u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€31,446,54) skond l-istima tal-Perit Carmen V. Sutton A & CE, ghax-xiri assolut bhala liberu u franka fl-Avviz Nru 486 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-24 ta' Mejju 2007 u skond it-termini tal-Kap. 88.

"Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbi Bord sabiex jiffissa l-ammont ta' wiehed u tletin elf u erbgha mija u sebgha u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€31,446,54) bhala l-kumpens gust ghall-esproprjazzjoni tal-art fuq imsemmija."

Rat id-decizjoni tal-Bord tat-8 ta' Gunju, 2016, li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li:

"Jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u

"Jiddikjara illi l-art meritu tal-kawza odjerna, ossija porzjon art li tinstab wara il-gibjun go Triq il-Wied, Msida, tal-kejl ta' madwar 1,882 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' sqaq pubbliku u mill-Grigal ma' propjeta ta' George Pace et jew irjieh verjuri, liema art hija mmarkata bl-isfar u bhala Plot Nru 1 fuq il-pjanta L.D. 104A/75/2 in kwantu ghal qies ta' 220 metru kwadru kif deskritt mill-Membri Teknici fabrikabbli bir-rata ta' €1,150 kull metru kwadru u in kwantu ghal qies ta' 1,662 metri kwadri kif deskritt mill-Membri Teknici **agrikola** bir-rata ta' €31.08 kull metru.
"Jiffissa il-kumpens dovut fuq tali arti fil-valur ta' tlett mija u erbghat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Euro (€304,655), kif stmata mill-Membri Teknici.

"L-imghax ghandu jigi kkalkolat mit-22 ta' Lulju 1975.

"L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet u dak hemm stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti u l-ammont stabbilit mill-Bord."

Dak il-Bord ta d-decizjoni tieghu wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Jirrizulta illi, permezz ta' Avviz Nru 486 pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Mejju 2007, giet pubblikata Dikarazzjoni mill-President ta' Malta in rigward ta' bicca art tal-kejl ta' 1,882 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' sqaq pubbliku u mill-grigal ma' proprjeta ta' George Pace et, indikata bhala plot 1 fil-pjanta LD 104A/75/2, liema dikjarzzjoni kienet qed tigi ppubblikata ai fini tal-Att I ta' l-2006. (fol 72)

"Jirrizulta illi, precendentement, permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-8 ta' Lulju 1975, l-art indikata kienet giet dikjarata mehtiega mill-awtoritajiet pubblici ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 88.

"Jirrizulta illi, permezz ta' Ittra Ufficjali li kopja taghha qatt ma giet ippresentata quddiem dana il-Bord, r-rikorrenti gew mgharrfa illi l-intimat kien qieghed joffri kumpens ta' wiehed u tletin elf, erbgha mija u sitta u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€31,446.54).

"Jirrizulta illi, presumibbilment fit-terminu tal-wiehed u ghoxrin gurnata provdut mill-Ligi la darba ir-rikorrenti qatt ma ppresenta l-Ittra Ufficjali u ma kienx hemm kontestazzjoni da parte ta' l-intimat dwar tardivita' ta' l-

azzjoni odjerna, ir-rikorrenti niedew il-proceduri odjerni fl 24 ta' Gunju 2011 fejn ikkontestaw il-valutazzjoni moghtija mill-intimat u sahqu illi l-kumpens gust kellu jkun ta' zewgt miljuni, mitejn u tmienja u hamsin elf u erba mitt Euro (€2,258,400), skond stima tal-Perit Godwin Abela.

"Jirrizulta illi l-Periti Alan Saliba u Joseph Briffa, li kienu qed jassistu l-Bord u ghamlu access fl-1 ta' Dicembru 2011 u ghaddew biex ippresentaw ir-rapport taghhom fl-4 ta' Mejju 2012.

"Jirrizulta illi l-Periti Membri ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrent gie notifikat mill-intimat permezz ta' Avviz ghall-Ftehim li jaghmel referenza ghall-Avviz 485 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Mejju 2007, illi ghax-xiri assolut ta' porzjon art li tinsab wara l-gibjun go Triq il-Wied, Imsida, tal-kejl ta' madwar 1,882 metri kwadri, li tmisss mill-Punent ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' sqaq pubbliku u mill-Grigal ma' propjeta ta' George Pace et, l-Awtorita kompetenti kienet qed toffri kumpens ta' wiehed u tletin elf, erbgha mija u sitta u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmi (€31,446.54) skond stima tal-Perit Carmen V Sutton li kklassifikat l-art bhala in parti agrikola u in parti fabrikabbli. Jirrizulta illi fuq l-istess art kien hemm dikjarazzjoni originali mill-Agent Gvernatur Generali fit 8 ta' Ottubru 1974 u ohra mill-President tar-Repubblika fit 2 ta' Lulju 1975.*
>
> "*Ir-rikorrenti ikkontestaw din l-offerta u ddikjaraw illi l-kumpens minnhom pretiz huwa ta' zewgt miljuni, mitejn u tmeinja u hamsin elf u erbgha mitt Euro (€2,258,400) skond stima tal-Perit Godwin Abela li kklassifika l-art bhala fabrikabbli a bazi tal-24 ta' Mejju 2007.*
>
> "*Skond Dok DT3 mahrug mit-Town Planning Office fil-25 ta' Lulju 1970, u kif ukoll il-kundizzjonijiet annessi, il-propjeta fil-kwistjoni kienet tinkorpora:*
>
> "*1. Parti lejn il-Lvant tal-propjeta immarkata bl-isfar fuq Dok MT ta' kejl cirka 250 metri kwadri zoned bhala Triq u Central Strip*
> "*2. Parti lejn il-Punent tal-propjeta' immarkata bl-ahmar fuq Dok MT ta kejl cirka 50 metri kwadri zone bhala Triq*
> "*3. Parti lejn in-nofs tal-propjeta immarkata bil-kannella fuq Dok MT ta' kejl cirka 440 metri kwadri zoned bhala detached or semi-detached showroom b'side curtilage ta' 3m u b'height limitation ta' tlett sulari.*

"*4. Parti lejn il-Punent tal-propjeta immarkata bl-ahda fuq Dok MT ta' kejl cirka 692 metri kwadri barra mill-ischeme u ghalhekk agrikola.*

"*Madanakollu, fil-Provvedimenti Temporanji tal-1988, din il-propjeta tinsab murija kollha kemm hi barra mill-iskema ta' zvlupp u ghalhekk mhux zviluppabli.*

"*L-esponenti Membri Teknici ikkunsidraw dan kollu, il-lokalita u kif ukoll id-disposiszzjonijet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88) u partikolarment l-Artikolu 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri ta' din il-propjeta' bhala libera u franka, ikkunsidrata bhala barra mill-iskema ta' zvilupp u ghalhekk mhux zvilupabbli f'Jannar 2005, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi ffissat fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf u hames mitt Euro (€58,500) tenut kont il-valur tal-propjeta agrikola fl-1 ta' Jannar 2005.*

"Jirrizulta illi, fir-risposti in eskussjoni li gew ppresentati ghal domandi tar-rikorrenti fit 3 ta' Settembru 2012, il-Periti Membri ikkonfermaw illi l-art ma setghetx titqies bhala art ghal bini.

"Jirrizulta illi fuq talba tal-Bord li saret fid 9 ta' Jannar 2013, sabiex "*jergghu jirrelataw dwar in-natura tal-art fid-data tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta skont il-kriterji u l-provvediment tal-Ligi vigenti dak iz-zmien*", il-Membri Teknici, permezz ta' rapport addizzjonali ippresentat fil 31 ta' Jannar 2013 qalu s-segwenti:

*"Illi skont i-Kriterji u l-Provvedimenti tal-Ligi vigenti fid-data tad-Dikjarazzjoni tal-Agent Gvernatur Generali tat-8 ta' Ottubru 1974, fl-istess zmien, l-art fil-kwistjoni kellha faccata fuq Triq l-Immakulata Kuncizzjoni u faccata ohra fuq Sqaq Boxbox.*

"*Fis-sena 1974, il-built up area li kien hemm fil-vicin f'distanza ta' 91.4m mill-istess art kienet dik biss fi triq l-Immakulata Kuncizzjoni billi din it-triq kienet okkupata minn bini ghal tul ta' aktar minn 137.2m miz-zewgt nahat, mentri Sqaq Boxbox ma kienx hemm 137.2m fuq iz-zewgt nahat jew 274.3m fuq naha wahda nofsu okkupat minn bini. Ghalhekk, fit-termini tal-istess Provvediment tal-Ligi vigenti fis-sena 1974, il-parti tal-art fil-kwistjoni li ghandha tigi meqjusa bhala tajba ghal bini hi dik il-parti mill-art f'fond ta' 25.1m minn Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, filwaqt illi l-kumplament tal-art ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola.*

"*Ghalhekk, l-esponenti Membri Teknici jikkonkludu illi mitejn u ghoxrin metri kwadri (220mk) mill-art b'faccata*

*fuq Triq l-Immakulata Kuncizzjoni ghandhom jigu meqjusa bhala art tajba ghal bini filwaqt illi r-rimanenti elf, sitt mija u tnejn u sittin metri kwadri (1,662 mk) ghandhom jigu meqjusa bhala art agrikola skond il-kriterji u provvediment tal-Ligi vigenti fis-sena 1974.*

"Jirrizulta illi, sussegwentement, permezz ta' digriet ta' dana il-Bord tas 16 ta' Frar 2016, il-Membri Teknici intalbu jindikaw valur abbazi tar-rapport addizzjonali ippresentat mill-Periti fuq imsemmi.

"Jirrizulta illi fl-24 ta' Frar 2016, il-Membri Teknici ghaddew biex ghamlu s-segwenti kostanzzjonijiet:

*"PUNT 1 - DATA TAL-ISTIMA: Billi fl-1 ta' Jannar 2005 l-art fil-kwistjoni kienet fil-process li tigi akkwistata, billi kienet inharget Dikjarazzjoni tal-President qabel il-5 ta' Marzu 2003 u billi ma jirrizultax li kien inhareg xi Avviz ghall-Ftehim qabel l-1 ta' Jannar 2005, skond Artikolu 18A tal-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, il-valur tal-art ghandu jkun skond kif ikun fl-1 ta' Jannar 2005.*

"*STIMA: L-esponenti Membri Teknici kkunsidraw dan kollu, il-lokalita' u kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88) u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-valur gust li din il-propjeta kienet iggib fis-suq kieku giet mibjugha bhala libera u franka minn sidha volontarjament fl-1 ta' Jannar 2005, ikkunsidtrata 220 metru kwadru fabrikabbli bir-rata ta' €1,150 kull metru kwadru u 1,662 metri kwadri agrikola bir-rata ta' €31.08 kull metru kwadru jammonta ghall tlett mija u erbghat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Euro (€304,655).*

"Dana il-Bord, wara illi ezamina fir-reqqa ir-rapport tal-abbli Esperti Teknici tieghu w ir-risposti dettaljati taghhom, kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita, ma jara ebda raguni ghalhiex ma ghandhux iqies bhala tieghu l-konkluzjonijet ta' Esperti Teknici tal-Bord milhuqa fir-rapport taghhom tal-31 ta' Jannar 2013 w il-valuri stabbiliti fir-rapport tal-24 ta' Frar 2016.
"Ikkunsidra

"Il-Bord, josserva, illi abbazi tal-provi dokumentarji kollha imressqa quddiemu, huwa qed jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

"- L-art ghandha titqies bhala, in kwantu ghal qies ta' 220 metru kwadru kif deskritt mill-Membri Teknici <u>fabrikabbli</u> bir-rata ta' €1,150 kull metru kwadru u in kwantu ghal qies ta' 1,662 metri kwadri kif deskritt mill-Membri Teknici <u>agrikola</u> bir-rata ta' €31.08 kull metru

"- Id-data tat-tehid tal-pussess ta' l-art ghandu jitqies illi huwa il-22 ta' Lulju 1975, li huwa gimghatejn wara il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali originali, ossija id-8 ta' Lulju 1975.

"- Il-kumpens xieraq ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art meritu tal-kawza odjerna ghandu jkun ta' tlett mija u erbghat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Euro (€304,655) tenut kont il-valur tal-propjeta agrikola fl-1 ta' Jannar 2005.

"- L-imghax ghandu jiddekorri mil-22 ta' Lulju 1975."

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Tonna proprio et nomine et, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet minnhom moghtija talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tat-8 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tirriforma s-sentenza appellata, billi tilqa' t-talbiet taghhom u konsegwentement tiddikjara li l-art mertu ta' l-appell odjern hija kollha fabbrikabbli u l-Kummissarju appellat jigi kkundannat ihallas kumpens ta' €2,258,400 favur l-istess appellanti, bl-ispejjez kollha kontra l-Kummissarju appellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Kummissarju tal-Artijiet, li permezz taghha talab li din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet stante li mhix wahda zbaljata. Bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2020, meta l-appell baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi dan il-kaz jitratta l-esproprju b'titolu ta' xiri assolut ta' porzjon art fl-Imsida, tal-kejl ta' madwar 1882 metru kwadru, kif jirrizulta mill-pjanta L.D. 104A/75/2 (immarkata bin-numru 1 u delinejata bil-kulur isfar a fol. 73 tal-process), proprjeta` tar-rikorrenti. Jidher li din l-art kienet ilha okkupata mill-Gvern sa mis-snin sebghin u ghalkemm hargu Dikjarazzjonijiet Presidenzjali fis-snin 1974 u 1975, qatt ma nhareg avviz ta' ftehim. Wara li saru proceduri kostituzzjonali fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet (li jgibu referenza 32/2006/1), saret Dikjarazzjoni Presidenzjali ohra, li giet pubblikata permezz tal-avviz numru 486 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Mejju, 2007. Permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Marzu, 2011, dik il-Qorti sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sidien taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u pprovdiet bhala rimedju ghal tali ksur billi ordnat lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €25,000. Sussegwentement, saret ittra ufficjali da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz taghha s-sidien gew notifikati bl-ahhar Dikjarazzjoni Presidenzjali, fejn gie offrut lilhom bhala kumpens, is-somma ta' Lm13,500 (ekwivalenti ghal €31,446.54) fuq il-bazi li parti mill-art kienet ritenuta agrikola u in parti fabbrikabbli. Is-sidien

m'accettawx dan il-kumpens u ressqu l-proceduri odjerni quddiem il-Bord, peress li kienu qeghdin jippretendu li l-art kollha kellha titqies fabbrikabbli u ghalhekk talbu kumpens ta' €2,258,400, a bazi tar-rapport tal-perit Godwin Abela, inkarigat minnhom (Dok. "DT1" anness mar-rikors promotur).

Il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet, nkariga lill-periti teknici Alan Saliba u Joseph Briffa sabiex jassistuh fil-kaz, u dawn waslu ghall-konkluzjoni li fit-termini tal-ligi vigenti fis-sena 1974, l-art tar-rikorrenti kienet tikkonsisti f'220 metru kwadru bhala tajba ghall-bini u r-rimanenti 1,662 metru kwadru ghandhom jitqiesu bhala art agrikola (ara relazzjoni ulterjuri tal-31 ta' Jannar, 2013 a fol. 129 tal-process). Sussegwentement, sar rapport ulterjuri fl-24 ta' Frar, 2016, (fol. 206 tal-process) li permezz tieghu, l-periti rrelataw li skont l-Artikolu 18A tal-Kap. 88 (Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijet Pubblici), il-valur tal-art ghandu jkun skont il-valuri fl-1 ta' Jannar, 2005 u konsegwentement stmaw l-art fabbrikabbli ta' 220 metru kwadru bir-rata ta' €1,150 kull metru kwadru u l-art agrikola fil-kejl ta' 1,662 metru kwadru bir-rata ta' €31.08 kull metru kwadru, total ta' €304,655. Il-Bord, wara li ezamina r-rapporti u r-risposti tal-istess periti teknici ghall-mistoqsijiet in eskussjoni, adotta dawn l-imsemmija rapporti u ordna li r-rikorrenti jithallsu kumpens ta' €304,655, ghall-imsemmija art, bl-imghax jiddekorri mit-22 ta' Lulju, 1975.

Is-sidien hassewhom aggravati b'din id-decizjoni tal-Bord, peress li jikkontendu li l-Bord qies hazin l-istat li l-proprjeta` kienet fih fid-data li saret referenza ghaliha, meta l-istess proprjeta` giet valutata u dan in kwantu jinghad minnhom li l-Bord applika l-ligi hazin.  Ir-rikorrenti appellanti jsostnu li l-art in kwistjoni ghandha valur kummercjali kbir, primarjament ghaliex hija bicca art fabbrikabbli f'wiehed mic-centri kummercjali ewlenin ta' Malta u jinghad li hija wahda mill-ftit bicciet art f'dik il-parti tal-Wied ta' l-Imsida li ghadha mhix zviluppata.  Il-perit tar-rikorrenti jsostni li sas-sena 2006, l-art in kwistjoni kienet fabbrikabbli u r-raguni ghall-eskluzjoni tal-art mid-*development scheme,* kienet sabiex tigi akkomodata l-kostruzzjoni ta' pont gdid, bl-iskop li jitjieb it-*traffic flow* fl-inhawi.  Jaghmlu referenza ghall-ischemes tal-1970 ta' l-akkwati, fejn jirrizulta li l-istess art kienet intiza ghal residenzi *"detached"* jew "*semi-detached"* u li fil-vicinanzi tela' bini li jintuza kwazi esklussivament ghal uzu kummercjali.

Ir-rikorrenti appellanti jiccitaw zewg permessi esebiti in atti, fuq art ohra fil-vicinanzi u jghidu li potenzjalment l-art in kwistjoni, ghandha valur kummercjali kbir, kriterju li l-Qrati taghna haddnu fid-determinazzjoni tal-kumpens xieraq.  Jishqu li t-trasferimenti li saru fl-akkwati dejjem saru bi prezzijiet abbazi ta' rati relattivament ghal artijiet li fuqhom ikunu jistghu jinbnew siti kummercjali jew industrijali u mhux artijiet agrikoli.  Jaghmlu referenza ghar-riklami ta' postijiet ghall-bejgh fl-2001 u 2002, kif ukoll art

kontigwa li giet esproprjata permezz ta' dikjarazzjoni presidenzjali tad-29 ta' Settembru, 2003.

Jaghmlu referenza wkoll ghall-proceduri li kienu jitrattaw porzjonijiet ta' art, ukoll proprjeta` tar-rikorrenti, kontigwi ghal dik in kwistjoni, li jinghad li gew trattati bhala artijiet fabbrikabbli (li jgibu referenza 7/91 u 8/91, fl-ismijiet Kummissarju tal-Art v. Rev. Kan. Benjamin Tonna et li t-tnejn gew decizi fit-22 ta' April, 1994, - ara sentenzi esebiti a fol. 139 u 142 tal-process rispettivament). Ir-rikorrenti appellanti jghidu wkoll li din il-porzjon ta' art kienet tifforma parti minn bicca art akbar, li fil-mument li hareg l-esproprju, kienet kollha fabbrikabbli peress li kollha kienet taghti fuq toroq ezistenti f'*built up area*. Kwindi jsostnu li kumpens xieraq ghandu jirrifletti t-telf effettiv u reali li huma sofrew, li ghandu jiehu kont tal-valur proporzjonali li l-art in kwistjoni ghandha ghall-valur tal-porzjoni art kollha li taghha l-art in kwistjoni tifforma parti, li kieku l-porzjoni art kollha kellha tinbiegh shiha, wara kollox l-art proprjeta` taghhom giet spezzettata b'ghazla tal-Kummissarju appellat. Ir-rikorrenti jinsistu li haqqhom kumpens xieraq b'rispett tal-principju ta' *restitutio in integrum.*

Ir-rikorrenti appellanti jishqu li fid-dati tal-hrug tad-dikjarazzjonijiet maghmula fl-1974 u l-1975, l-art in kwistjoni kienet "art ghall-bini" skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88, li ghaliha kienu japplikaw il-provvedimenti transitorji a tenur tal-Artikolu 7(2) taht l-Att XI tal-2002. Kwindi sabiex jigi

determinat jekk art esproprjata hijiex fabbrikabbli jew le, ghandha titqies d-data tal-hrug tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali originali. Isostnu li jekk art titqies tajba ghall-bini, dan huwa irrispettivament mid-distanzi li dik l-art jista' jkollha mit-triq jew mill-"built-up area", li jinghad minnhom huma fatturi alternattivi. Wara kollox jirrizulta mill-istess *site plan (*esebita bhala Dok. GA1 a fol. 138) li l-art taghti wkoll fuq Boxbox Lane u ghadha f'*built up area.* Jirreferu wkoll ghall-Artikoli 17 u18 kif kienu ghaz-zmien relevanti meta hargu d-Dikjarazzjonijiet originali, qabel il-bidu fis-sehh tal-Att I tal-2006. Kwindi jinsistu li l-art mertu tal-kawza ghandha titqies kollha bhala fabbrikabbli u li l-Kummissarju appellat ghandu jigi kkundannat ihallas kumpens ta' €2,258,400.

Jinhass xieraq li jigi trattat dan l-ahhar punt l-ewwel, peress li l-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi art fabbrikabbli fiz-zmien relevanti huwa l-pern tal-kwistjoni kollha. Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti appellanti limitatament sa fejn jinghad minnhom li ghandu japplika l-Artikolu 18 qabel ma gew fis-sehh l-emendi tal-2006. Dan peress li l-artikolu transitorju fil-Kap. 88, cioe` Artikolu 36, *inter alia* jirrifletti dak li kien Artikolu 7(2)(b)(ii) tal-Att XI tas-sena 2002, li jipprovdi:

> *"(ii) Għall-fini li jiġi stabbilit jekk l-art għandhiex tkun stmata bħala art għall-bini, raba' jew art rurali jew art moxa għall-finijiet ta' dan is-subartikolu,* ***id-data relevanti tkun id-data meta tkun ħarġet id-dikjarazzjoni oriġinali mill-President qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu."***

Ghalhekk isegwi li wiehed irid ihares lejn il-kwalita` tal-art in kwistjoni, kif kienet fis-sena 1974, meta nharget l-ewwel Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali fuq din il-porzjon art in ezami. Isegwi li tabilhaqq fis-sena 1974 il-kriterji applikabbli dwar art fabbrikabbli huma dawk elenkati fl-Artikolu 18 qabel l-emendi tas-sena 2006, li kien jaqra hekk:

> *"[1] Art titqies li tkun art ghall-bini ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza jekk ikollha faccata fuq it-triq diga` ezistenti, u tkun qeghda f'zona mibnija jew, bla hsara ghas-sub artikolu [2], f'distanza ta' mhux izjed minn wiehed u disghin metru u nofs minn zona mibnija u ghandha titkejjel fuq l-assi tat-triq;*
>
> *"[2] Biex tigi stabbilita jekk art hix art ghall-bini minhabba l-fatt li tkun qeda f'distanza ta' mhux izjed minn wiehed u disghin metru u nofs minn area mibnija, ghandu jittiehed kont ghat-tkabbir immedjat li aktarx isir tal-area mibnija fid-direzzjoni tal-art in kwistjoni;*
>
> *"[3] Art li tidhol fit-tifsir tas-subartikolu [1] jew [2] ta' dan l-artikolu ghandha titqies li tkun art ghall-bini sa fond l-aktar ta' hamsa u ghoxrin metru."*

L-izball kardinali li jaghmlu r-rikorrenti appellanti meta jistriehu fuq ir-rapport tal-perit inkarigat minnhom huwa li jghidu li dawn il-kriterji kellhom jittiehdu b'mod alternattiv. Effettivament dan il-provvediment tal-ligi gie mistharreg estensivament fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Agent Kummissarju tal-Artijiet v. Vica Limited**, fejn inghad:

> "*… biex art titqies fabrikabbli, trid titqies "fiz-zmien meta tkun harget id-dikjarazzjoni originali" u jrid ikollha faccata fuq triq li diga` tezisti u tkun f'zona mibnija; art li tidhol f'din id-definizzjoni tkun art ghal bini sa fond massimu ta' 25 metru.* ***Dawn il-kundizzjonijiet iridu jissussistu u jezistu kontemporanjament sabiex l-art tikkwalifika bhala art fabrikabbli****.*" (enfasi ta' din il-Qorti)

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami*,* jirrizulta al kwantu car li minn qari tar-rapport addizzjonali tal-periti membri, pprezentat fil-31 ta' Jannar, 2013, hekk ghamlu l-membri teknici, meta analizzaw l-art in kwistjoni milquta bl-esproprju, fil-parametri tal-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz:

> "2. Illi skont il-Kriterji u l-Provvedimenti tal-Ligi vigenti fid-data tad-*Dikjarazzjoni tal-Agent Gvernatur Generali tat-8 ta' Ottubru 1974, fl-istess zmien, l-art fil-kwistjoni kellha faccata fuq Triq l-Immakulata Kuncizzjoni u faccata ohra fuq Sqaq Boxbox.*
>
> "3. *Fis-sena 1974, il-built up area li kien hemm fil-vicin f'distanza ta' 91.4m mill-istess art kienet dik biss fi triq l-Immakulata Kuncizzjoni billi din it-triq kienet okkupata minn bini ghal tul ta' aktar minn 137.2m miz-zewg nahat, mentri Sqaq Boxbox ma kienx hemm 137.2m fuq iz-zewg nahat jew 274.3m fuq naha wahda nofsu okkupat minn bini. Ghalhekk, fit-termini tal-istess Provvediment tal-Ligi vigenti fis-sena 1974, il-parti tal-art fil-kwistjoni li ghandha tigi meqjusa bhala tajba ghal bini hi dik il-parti mill-art f'fond ta' 25.1m minn Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, filwaqt illi l-kumplament tal-art ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola.*
>
> "4. *Ghalhekk, l-esponenti Membri Teknici jikkonkludu illi* ***mitejn u ghoxrin metri kwadri (220mk) mill-art b'faccata fuq Triq l-Immakulata Kuncizzjoni ghandhom jigu meqjusa bhala art tajba ghal bini filwaqt illi r-rimanenti elf, sitt mija u tnejn u sittin metri kwadri (1,662 mk) ghandhom jigu meqjusa bhala art agrikola skond il-kriterji u provvediment tal-Ligi vigenti fis-sena 1974****."*

Din it-twegiba tixhed li, l-istess periti membri hadu wkoll konjizzjoni tat-tifsira ta' "*area mibnija*" taht l-Artikolu 2 tal-Kap. 88, qabel l-emendi tas-sena 2006 li fiha kien jinghad hekk:

> *" 'area mibnija' tfisser kull area li ghall-medda kontinwa ta' mija u sebgha u tletin metru tal-faccata taghha fuq naha u l-ohra tat-triq,*

*jekk it-triq tista' tigi zviluppata fuq iz-zewg nahat, jew mitejn u erbgha u sebghin metru jekk it-triq tista' tigi zviluppata fuq naha wahda biss, tkun mill-inqas hamsin fil-mija okkupata b'bini."*

Hekk ukoll, meta mistoqsija in eskussjoni, proprju l-istess argument maghmul mir-rikorrenti appellanti fir-rikors tal-appell taghhom, permezz tan-nota taghhom tat-22 ta' Mejju, 2013 wiegbu:

*"1. Skont l-artikolu 18 citat, art kienet titqies ghall-bini jekk ikollha faccata fuq triq li ga tezisti u (sottolinejar tal-esponenti) l-art tkun qieghda f'area mibnija. Ghalhekk ma naqblux li art ghandha titqies tajba ghal bini jekk tkun biss "taghti fuq triq ezistenti f'built-up area".*

*"2. Naqblu li l-art in kwistjoni kienet taghti wkoll fuq Box Box Lane. Ma naqblux li Box Box Lane kienet built-up area fiz-zmien relevanti fit-termini tali-ligi…"*

Ghalhekk, jirrizulta li l-istess membri teknici qiesu wkoll l-argument tar-rikorrenti, li l-art in kwistjoni kienet taghti fuq Boxbox Lane, izda madankollu wrew il-fehma li xorta ma kinux sodisfatti l-parametri kollha tal-provvediment tal-ligi. Kwindi din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-periti ghamlu analizi xierqa tal-kaz fil-parametri tal-ligi vigenti fl-1974, applikabbli ghall-kaz in ezami, meta waslu ghall-konkluzjoni ta' liema qies mill-art in kwistjoni kellha titqies fabbrikabbli u liema art kellha titqies agrikola u ma ssib xejn x'ticcensura f'dan ir-rigward. Kwindi din il-Qorti ma tarax li jregi l-argument tar-rikorrenti appellanti li l-Bord applika l-ligi hazin meta adotta l-fehma tal-membri teknici.

Imiss li jigi trattat l-ilment tar-rikorrenti appellanti in kwantu jsostnu li l-art ghandha valur kummercjali kbir peress li hija kollha fabbrikabbli u li kienet

hekk sas-sena 2006, meta tnehhiet mid-*development schemes* bl-iskop li tigi estiza t-triq permezz ta' pont li jaghti fuq il-Wied tal-Msida. Dan hu fattur iehor li r-rikorrenti jizbaljaw fuqu. Il-fatt li bejn is-snin 1970 u l-2006 l-art kienet taqa' f'*development scheme* jew li kienet intiza ghar-residenzi, mhux ritenut relevanti, peress li kif appena spjegat, il-parametri ta' x'jikkostitwixxi art tajba ghall-bini kienu dawk imfissra fl-Artikolu 18 tal-Kap. 88, hawn qabel citat u mhux l-iskemi tal-ippjanar mahruga mill-awtorita` kompetenti. Ghalhekk dan l-argument ma jregix.

Isegwi li lanqas il-fatt li fil-vicinanzi kien hemm proprjetajiet li nghataw il-permess ta' zvilupp jew li l-art in kwistjoni tinsab vicin bosta proprjetajiet li ghandhom valur kummercjali gholi, ma jista' jkollu ebda impatt fuq il-kaz tar-rikorrenti appellanti. Wisq anqas trasferimenti ta' proprjeta` li sehhew recentement jew riklami ta' bejgh fl-istess akkwati fis-snin 2001 u 2002 m'huma ta' sufragju ghall-kaz tar-rikorrenti appellanti, ladarba n-natura tal-art taghhom hija regolata bil-ligi hekk kif vigenti fis-sena 1974. Hekk ukoll, kull kaz irid jigi analizzat fid-dawl tal-parametri tal-provvediment citat, bil-konsegwenza li jekk l-art kontigwa li giet esproprjata kienet tissodisfa l-parametri kollha fiz-zmien relevanti, jista' jaghti l-kaz li l-arja tal-art fabbrikabbli kienet tizboq dik agrikola. Madankollu ma jirrizultawx id-dettalji mehtiega sabiex ikun jista' jinghad jekk dik l-art kenitx kumparabbli ma' dik in ezami. Fi kwalunkwe` kaz, kif kellha okkazjoni tirrileva din il-Qorti f'sentenza ohra taghha tat-28 ta' Gunju, 2019, fl-

ismijiet **B&B Property Development Company Limited v. Kummissarju tal-Artijiet:**

> *"…jigi osservat li l-paraguni jistghu tassew ikunu odjuzi, specjalment f'dan il-qasam fejn il-kumpens ghall-artijiet suggett ta' esproprju jvarja skont iz-zmien li jkun gie fis-sehh l-esproprju li jolqot l-art in kwistjoni, peress li jista' jintlaqat minn provvedimenti differenti tal-ligi li mhux dejjem iwasslu ghall-istess rizultat mixtieq mill-kontendenti fil-kawza."*

In kwantu l-artijiet proprjeta` tal-istess rikorrenti, li kienu suggett ta' proceduri separati ta' esproprju (li jgibu referenza 7/91 u 8/91) hawn ukoll l-argument ma jregix, peress li ladarba f'dawk il-kazijiet kien inhareg avviz ghall-ftehim, ir-regoli tal-kumpens huma differenti. F'dawk il-kazijiet kellu japplika l-provvediment tal-artikolu transitorju 7(2) (b) (i) tal-Att XI tas-sena 2002 li fil-proviso tieghu jinghad li fejn tinhareg Dikjarazzjoni Presidenzjali gdida, l-kumpens ghandu jigi stabbilit skont id-data li fiha jkun gie notifikat l-avviz ghall-ftehim, li f'dawk il-kazijiet in-notifika tal-avviz ghall-ftehim, saret fis-sena 1990 u ghalhekk applikaw ghalihom il-valuri tas-sena 1990. Filwaqt li f'dan il-kaz gie applikat l-Artikolu 18 A tal-Kap.88, li jipprovdi li fejn art tkun fil-process li tigi akkwistata fl-1 ta' Jannar, 2005, li dwarha tkun inharget dikjarazzjoni taht l-Artikolu 3 qabel il-5 ta' Marzu, 2003 u li dwarha ma jkunx inhareg avviz ghall-ftehim qabel l-1 ta' Jannar, 2005, ghandu jigi applikat il-valur taghha <u>fl-1 ta' Jannar, 2005</u>.

Inoltre`, ghalkemm ir-rikorrenti appellanti jikkontendu li l-art kollha f'dawk il-kazijiet tqieset fabbrikabbli, (minn qari tal-imsemmija sentenzi ma

tirrizultax in-natura tal-art suggett ta' dawk l-esproprji), jekk wiehed jikkonsidra li fil-kaz 7/91 - 2029 metru kwadru gew stmati mill-Bord bil-valur ta' Lm76,791.04, ekwivalenti ghal €178,875, dawn isarrfu f'rata ta' €88.16 ghal kull metru kwadru. Hekk ukoll fil-kaz 8/91 - 1467 metru kwadru gew stmati mill-Bord bil-valur ta' Lm35,544.75 ekwivalenti ghal €82,797, li jsarrfu f'rata ta' €56.44 ghal kull metru kwadru. Huwa evidenti li r-rati mhumiex l-istess, kwindi din il-Qorti ma tinsabx konvinta li dawn l-artijiet gew trattati bhala fabbrikabbli fl-intier taghhom. Dan jinsab korroborat mir-risposti tal-periti in eskussjoni tat-22 ta' Mejju, 2013, li meta mistoqsija li kunsidrat li l-art in ezami kienet tifforma parti minn art akbar (li l-porzjonijiet l-ohra taghha gew trattati fil-proceduri 7/91 u 8/91) u li l-art kollha, fl-intier taghha kienet wahda tajba ghall-bini, huma wiegbu hekk:

> *"3. Naqblu li l-art fil-kwistjoni tifforma parti naturali minn art akbar indikata bl-ahdar fuq Dok. "GA1". Naqlu li din l-art akbar tinkludi zewg bicciet art mertu tar-Rikors Numru 7/91 u 8/91, liema zewg bicciet art kellhom faccata fuq Triq il-Wied.*
>
> "*4.* ***Ma naqblux li l-art immarkata bl-ahdar fuq is-siteplan annessa mar-relazzjoni tal-perit Abela hija kollha tajba ghall-bini billi, ghalkemm din l-art ghandha faccata fuq triq, japplika l-fond ta' 25 metru mit-triq preskritt f'Artikolu 18 (3) tal-Ligi antika****."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Isegwi li l-fatt li l-art in kwistjoni kienet tifforma parti minn art akbar ma jfissirx li kieku l-esproprju sehh kollu f'daqqa, kien ser ibiddel in-natura tal-art, peress li xorta kienu japplikaw ir-regoli tal-Artikolu 18. Ghalkemm il-periti teknici fl-istess risposti jikkoncedu li, meta l-esproprjazzjoni tal-art

kollha giet spezzettata setghet naqqset il-valur tal-art globalment, irid jinghad li f'dan il-kaz ir-rikorrenti appellanti ibbenefikaw mill-awment fil-valur, ladarba l-art taghhom f'dan il-kaz minkejja li ttiehdet fis-sena 1974, giet stmata bil-valuri tal-1 ta' Jannar, 2005, bir-rata ta' €1,150 ghal kull metru kwadru fil-kaz ta' art fabbrikabbli u €31.08 ghal kull metru kwadru fil-kaz ta' art agrikola. Hekk ukoll ir-rikorrenti ser jithallsu l-imghaxijiet sa mid-data li l-Gvern ha pussess tal-art. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn iz-zewg mizuri, jpacu l-izvantagg imsemmi mir-rikorrenti u jilhqu l-ghan li jigi rispettat il-principju ta' *restitutio in integrum.* Isegwi li lanqas dan l-argument ma jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija, tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti kollha, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez in prim'istanza jibqghu kif ordna l-Bord, filwaqt li r-rikorrenti appellanti ghandhom ihallsu l-ispejjez tal-appell mressaq minnhom *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr